ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 02/07/2015**
***Kienet addottata Aġenda nru. 02/07/2015***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera**
- **Is-Sur Carmelo Saliba – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Marija Saliba – *Chairperson,* Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 01/07/2015</u>

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 01/07/2015 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.  Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 01/07/2015

Dwar id-dekasteri, il-Kunsillier Saliba ppropona li d-dekasteri jitqassmu fis-seduta li jmiss. Qbil mal-proposta ta' Saliba.

Is-Sindku kien konfermat mill-Kunsillieri *Project Leader* tal-proġetti ta' Pjazza l-Assunta u tal-Madonna tal-Virtut.

## 4. KORRISPONDENZA

Il-Kunsillier Saliba ppropona li l-korrispondenza li tkun ser tinqara fil-laqgħa tintbagħat lill-Kunsillieri b' *e-mail* u jingħataw *hard copy* tagħha qabel is-seduta. Qbil mal-proposta ta' Saliba.

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

L-Ittra ta' Direzzjoni għas-sena 2014 ittieħdet bħala moqrija mill-Kunsill peress li kienet intbagħtet minn qabel lill-Kunsillieri.

Komunikat mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett Bajjiet fejn jistgħu jgħumu ż-żwiemel – Bajja tax-Xwejni. Il-Kunsillier Saliba ppropona li l-għawm taż-żwiemel fil-Bajja tax-Xwejni jsir sat-8.00 ta' filgħodu.

Is-Sindku ressaq il-proposta tal-Kunsillier Saliba għall-vot.

Favur – il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Saliba
Kontra – is-Sindku, il-Kunsillier Cassar u l-Kunsilliera Grech
Astensjonijiet – Xejn.

Il-proposta tal-Kunsillier Saliba ma għaddietx.

Memo 10/2015 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta` ta' librerija lokali. Il-Kunsill qabel li juri l-interess tiegħu fl-iskema u japplika għall-massimu tal-iskema.

Memo 8/2015 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett Ftehim Kollettiv għal ħaddiema klerikali tal-Kunsilli Lokali / Kumitati Reġjonali 2012 – 2016 – *Progression* wara ħames snin servizz. Il-Kunsill approva t-tqegħid fuq *progression* u l-ħlas tal-arretrati dovuta lill-Assistent Uffiċjal Prinċipali s-Sra. Micheline Cutajar.

Ittra mibgħuta miċ-*Chairman* ta' Kumitat fil-Ministeru għal Għawdex dwar attivitajiet Milied f' Għawdex 2015.

Ittra mibgħuta minn To-Day Public Policy Institute dwar ir-Rikonoxximent Peter Serracino Inglott 2015. Tingħata kopja tal-ittra lill-Kunsillieri.

Ittra ta' approvazzjoni mibgħuta minn Transport Malta biex issir *road hump* quddiem Seagull Snack Bar fi Triq ix-Xwejni. Il-Kunsillier Saliba ssuġġerixxa li Louis Zammit, proprjetarju ta' Seagull Snack Bar jintalab jiġi fil-laqgħa tal-Kunsill biex jagħti spjegazzjoni l-iskop ta' din ir-*road hump*. Il-Kunsill qabel.

Ittra mibgħuta mill-Public Cleansing Section dwar il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart goff. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel sejħa pubblika għall-offerti għall-kuntratt tal-ġbir tal-iskart goff.

Ittra mibgħuta mis-Soċjeta` Filarmonika Santa Marija fejn talbu biex tinżamm laqgħa mal-Kunsill Lokali. Ġie deċiż li l-laqgħa mal-Banda ssir it-Tlieta 9 ta' Ġunju fis-7.30 ta' filgħaxija.

Talba minn Charlie Axiak biex jinżebgħah *double yellow line* quddiem bini maġenb entratura ta' garaxxijiet fi Triq il-Qolla l-Bajda. Il-Kunsill qabel li jinżebgħah *double yellow line* tul ta' metru.

Ittra mibgħuta minn Joe Louis Xiberras dwar attivita` "Gioci Senza Frontieri – *It's a knockout* – it-tieni edizzjoni". Is-Sindku rtira mill-kamra tal-laqgħat minħabba interess li għandu.
Il-Kunsillier Saliba ssuġġerixxa li l-isem tal-attivita` jkun bil-lingwa Maltija. Il-Kunsill qabel li jorganizza dan il-logħob viċin il-ġimgħa tal-festa ta' Santa Marija – budget ta' €550 preferibilment juża servizzi mill-lokalita`. Il-Kunsillier Saliba ssuġġerixxa li l-attivita` tkun mifruxa fi Pjazza l-Assunta u fi Triq il-Knisja sal-każin tal-banda.

Komunikat ta' Stephanie Cini dwar lezzjonijiet taż-żfin għat-tfal fil-bini tal-Kunsill. It-talba kienet approvata mill-Kunsill.

Ittra ta' Joseph Camilleri – eks Kunsillier. Ġie deċiż li titħalla għal seduta oħra.

**Applikazzjoni**
**għall-permess tal-Kunsill Lokali**

| Applikazzjoni għall-permess tal-Kunsill Lokali | Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali |
|---|---|
| (i) Paul Parker – Studio 100 Għal *filming* fis-salini tax-Xwejni nhar is-26 ta' Mejju 2015. | Approvata – it-triq ma tingħalaqx għat-traffiku. |

Is-Sindku ssospenda l-Aġenda biex indirizza lill-kamra Nicholas Cini dwar attivita` b' risq Puttinu Cares.

## 5. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. 22/2015 – is-Sur Victor Axiaq**
Talab biex issir bankina ġdida wiesgħa erba' metri quddiem l-istabbiliment Chez Amand fil-Bajja tal-Qbajjar.
Is-Sindku ressaq it-talba għall-vot.
Favur – il-Viċi Sindku
Kontra – is-Sindku u l-Kunsillieri Cassar u Grech
Astensjonijiet – il-Kunsillier Saliba.

It-talba ma għaddietx.

Il-Kunsillier Cassar irrimarka li hu jaqbel ma bankina *standard.*

**Nru. 23/2015 – is-Sur Cecil Cefai**
Biex jinżebgħah *double yellow line* fil-bidu tal-isqaq ta' Carnemolla kantuniera ma Triq Għajn Mhelhel. Is-Sindku qal li meta nkesa l-isqaq, is-sinjal ma baqax jidher. It-talba biex jerġa' jinżebgħah is-sinjal kienet approvata.

**Nru. 24/2015 – is-Sur Stephen Bush**
Issuġġerixxa li jitpoġġa *bin* għall-ħmieġ tal-klieb fl-inħawi tas-Sagħtrija. It-talba kienet rifjutata.

**Nru. 25/2015 – is-Sur Joe Vella**
Biex issir bankina ġdida quddiem ir-residenza 61 fi Triq Għajn Mhelhel. It-talba tkun riferuta lil Public Works (bini ġdid).

**Nru. 27/2015 – il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina**

Għandu talba biex isir sinjal fis-*slipway* tax-Xwejni, b' erba lingwi differenti juri s-sajjieda li jkunu se jvaraw id-dgħajjes tagħhom għandhom preċedenza fuq id-*divers*. Il-Kunsill approva li jsir sinjal b' ħames lingwi differenti, Malti, Ingliż, Franċiż, Taljan u Ġermaniż juri 'Prijorita`għad-dgħajjes'.

**Nru. 28/2015 – is-Sur Salvu Camilleri**
Biex jinżabar il-bruk fl-*area* ta' Taħt ix-Xifer. Iż-żbir tas-siġar ġie approvat u jsir minn Gam Gam Services.

**Nru. 29/2015 – is-Sindku s-Sur Nicky Saliba**
Ressaq dawn it-talbiet:

(i) jinħarat u jissaqqa s-siġar taż-żebbuġ fi Triq iż-Żebbuġ. Il-Kunsill approva li x-xogħol isir minn Fredu Attard u jinżabru s-siġar taż-żebbuġ ta' Triq tal-Merżuq.

(ii) isiru *double yellow lines* quddiem ir-residenza tas-sorijiet fi Triq ix-Xwejni, faċċata ta' Seagull Snack bar. It-talba kienet approvata.

**Nru. 30/2015 – is-Sur Vincent Camilleri**
Talab biex issir rampa fit-triq biex ikollu aċċess għall-egħlieqi tiegħu fi Triq tal-Ħamra. Ser issir *site visit* mis-Sindku.

Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn indirizzat lill-kamra u qalet li jekk l-aħwa Attard mhux ser jitħallew jagħmlu xogħol ta' tindif f' Marsalforn, il-lokalita` kienet ser tiġġiddem bil-ħmieġ u dan peress li l-Public Cleansing ma kienx fadlilhom ħaddiema ġewwa Marsalforn.
Is-Sindku spjega kif il-ħaddiema tal-Kunsill mill-Iskema tal-ETC kienu nqalgħu minn posthom biex jagħmlu xogħol fuq il-*promenade* tal-Qbajjar u dan fuq ordni tal-Ministru għal Għawdex.
Il-Kunsill iddeċieda li jitlesta x-xogħol fuq il-*promenade* u wara jmorru f' posthom.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Il-Kunsillier Saliba staqsa l-prattika ta' *purchase orders* kienetx għadha tintuża. Is-Segretarja qalet li *purchase orders* joħorġu kull meta dan ikun possibbli u dawn ma tniżżlux bi żvista.

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 01/2015 – DOK A għall-perijodu bejn is-7 ta' April 2015 u t-13 ta' Mejju 2015 kienet approvata u ffirmata.

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-Mejda tal-kamra kont maħruġ mill-Perit tal-Kunsill għall-kisi bil-konkos ta' Triq Ta' Ħabel it-Twil – Road Construction -

€68,417.91. Spjegat li l-kont kienet irċevietu dak in-nhar tal-laqgħa u ma setgħetx tistenna seduta oħra biex jidħol fl-iskeda tal-pagamenti peress li d-*deadline* biex napplikaw għal rimborż tal-ispiża tagħlaq fil-31 ta' Mejju 2015.

Saret diskussjoni fit-tul dwar id-diskrepanza qawwija bejn is-somma tal-kuntratt u l-kont.

Dan il-kont kien approvat mill-Kunsill.

**AKKWIST U STALLAZZJONI TA' GĦAMARA TAT-TOROQ U TAGĦMIR TAL-LOGĦOB FI PJAZZA L-ASSUNTA U TRIQ SKAPUĊĊINA**

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-kamra li kienu ntefgħu żewġ offerti għall-kuntratt ta' akkwist u stallazzjoni ta' għamara tat-toroq u tagħmir tal-logħob fi Pjazza l-Assunta u Triq Skapuċċina.
Qalet l-offerti huma ta', bil-valur ta':

| | |
|---|---|
| JGC Ltd | Opt1 €17,315 |
| | Opt2 €19,035 |
| Xerri's Garden Centre | Opt1 €18,018 |
| | Opt2 €20,731. |

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni dwar l-offerti mitfugħa.
Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord li l-kuntratt jingħata lil JGC Ltd Option 1 - €17,315.

**XOGĦOL MEKKANIKU U TAL-ELETTRIKU FI PJAZZA L-ASSUNTA U FI TRIQ SKAPUĊĊINA**

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-kamra li kienu ntefgħu żewġ offerti għall-kuntratt ta' xogħol mekkaniku u tal-elettriku fi Pjazza l-Assunta u fi Triq Skapuċċina.
Qalet l-offerti huma ta', bil-valur ta':

| | |
|---|---|
| Richard Cauchi | €22,085.95 |
| X-Treme Technologies | €21,980.02 |

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni dwar l-offerti mitfugħa.
Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord li l-kuntratt jingħata lil X-Treme Technologies - €21,980.02.

## 8. ĦARĠA GĦAL MALTA

Il-Kunsillier Saliba qara komunikat li kien bagħat lill-I*speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti dwar il-possibbilta` ta' żjara fil-bini tal-Parlament il-ġdid.

Ġie deċiż li l-ħarġa għal Malta ssir nhar is-16 ta' Ġunju 2015.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu ma' rappreżentanti tal-Kumpanija Green MT dwar il-ftehim tal-ġbir ta' skart riċiklabbli. Kien miftiehem li l-ftehim propost ikun ċirkulat lill-Kunsillieri.

## 10. AĠĠORNAMENT

Is-seduta ntemmet fid-8.45 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għat-Tlieta, 9 ta' Ġunju 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |